# *Animazzjoni – It-Tlieta u Għoxrin Ħadd ta' Matul is-Sena (Sena Ċ)*

**Dħul:**

Illum il-Knisja tiċċelebra t-Tlieta u Għoxrin Ħadd ta' matul is-sena. Illum Ġesù jurina b'mod ċar ħadd ma jista' jkun dixxiplu tiegħu jekk ma inbagħtlux qalbna minn dak kollu li żommna ilsiera. Filwaqt li nirrifletu fuq fejn qegħdin norbtu qalbna fil-ħajja tagħna ta' kuljum, inqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**Qari:**

Fl-ewwel qari naraw kif il-bniedem jasal biex jagħraf xi jrid Alla minnu, meta Alla jagħtih l-Ispirtu Qaddis tiegħu. San Pawl jistieden lil Filemon jilqa' l-ilsier tiegħu bħala ħuh fi Kristu. Fl-evanġelju Ġesù jurina b'mod ċar li min irid jimxi warajh, irid jiċħad kollox. Nisimgħu b'attenzjoni l-Kelma t'Alla.

**Salm Responsorjali:** Mulej int kenn għalina.

**Offertorju:**

Waqt dan il-mument tal-offertorju, noffru lil ħajjitna bħala offerta xierqa lil Alla, filwaqt li inkantaw flimkien.

**Tqarbin:**

Issa se nirċievu lil Ġesù ġo fina, ejjew illum nitolbu lil Ġesù biex jimliena bl-Ispirtu tiegħu. Nersqu għat-tqarbin, filwaqt li nkantaw flimkien.